**QORTI CIVILI PRIM'AWLA**
**ONOR IMHALLEF ANNA FELICE**

**Illum 31 ta' Ottubru, 2018**

**Mandat Nru: 1561/2018/1 AF**

**Integrated Electronics Limited (C-14470)**

**vs**

**Arma Holdings Limited (C-44622)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' Integrated Electronics Limited, li permezz tieghu, ghar-ragunijiet fih moghtija, din il-Qorti ntalbet tohrog mandat ta' inibizzjoni fil-konfront ta' Arma Holdings Limited sabiex din tal-ahhar tinzamm milli tiddisponi minn xi proprjetà u partikolarment il-fond kummercjali "Ryans", Nru. 3, Triq Wied Ghomor, San Giljan.

Rat in-nota ta' Arma Holdings Limited li permezz taghha din talbet lil din il-Qorti tichad it-talbiet.

Rat id-dokumenti annessi.

Rat id-digriet precedenti.

Semghet lid-difensuri.

Rat li r-rikors thalla ghal digriet in camera.

Ikkunsidrat illi din hija talba ghall-hrug ta' mandat ta' inibizzjoni mitlub biex jigi kawtelat dejn jew pretensjoni li taqbez il-€11,646.84.

Is-socjetà rikorrenti trid li din il-Qorti zzomm lil dik intimata milli tiddisponi minn proprjetà immobbli ghaliex tippretendi illi ghandha tiehu lura minghanda s-somma ta' €396,565 imhallsa bhala kera bil-quddiem tal-fond kummercjali "Ryans".

Huwa ritenut minn dawn il-Qrati li mandat mitlub taht l-Art. 874 biex ihares pretensjoni, jimponi kriterji ben diversi minn dawk imposti mill-Art. 873. Kif irriteniet din il-Qorti diversament presjeduta fil-provvediment taghha MPM Capital Investments Limited vs Alfred Anton Zarifa et (27 ta' Awwissu 2018):

> *"għall-finijiet tal-artikolu 874 tal-Kodiċi tal-Proċedura Ċivili, il-kejl waħdieni huwa biss jekk kemm-il darba l-pretensjoni ta' min jitlob il-ħruġ ta' Mandat bħal dak taqbiżx l-ammont ta' ħdax-il elf, sitt mija u sitta u erbgħin euro u sitta u tmenin ċenteżmi (€ 11,646.86). Jekk taqbeż dik is-somma, dak l-element jikkostitwixxi l-jedd mad-daqqa t'għajn tar-rikorrenti biex jinħareġ il-Mandat minnha mitlub."*

Il-Qorti kompliet hekk:

> *"bħala kejl ta' dan il-jedd prima facie, il-liġi timxi fuq il-pretensjoni, u mhux fuq jekk dik il-pretensjoni hijiex waħda mistħoqqa jew meqjusa: dak hu biss xogħol il-qorti li quddiemha titressaq il-kawża fil-mertu."*

Fil-kaz in ezami, s-socjetà rikorrenti qeghda tippretendi l-hlas lura ta' €396,565. Ghalhekk, f'dawn ic-cirkostanzi, din il-Qorti tqis li l-vot tal-ligi fir-rigward huwa sodisfatt.

Ghaldaqstant il-Qorti taqta’ u tiddeciedi billi tilqa’ t-talba tar-rikorrenti definittivament u tordna lir-Registratur jeffettwa d-debiti notifiki skond il-ligi a spejjez tas-socjetà rikorrenti.

Il-Qorti tordna li l-ispejjez ta’ din il-procedura ghandhom jithallsu skond ma jigi finalment deciz fil-kawza fil-mertu bejn il-partijiet.

IMHALLEF